# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tmienja u tletin (38) tal-Kunsill Lokali Mqabba li nżammet nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2009, fis-6.30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, **Noel Galea, ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta preċedenti** ttieħdu bħala moqrija, kienu approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet kollha li talbu l-kunsillieri, li jidhru fuq il-kopja oriġinali.

3. Kien hemm **korrezzjonijiet**, jew aħjar żieda għal dak li l-kunsillieri kienu qalu speċjalment għal punti 20 u 21, li kienu jittrattaw il-proċess ta' intervisti li saru mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv u l-fatt li dawn saru minnhom biss, kif ukoll għal dak li kien qal is-sindku fuq il-Kunsillier Grace Marie Mallia dwar is-*seating* fil-Knisja Parrokkjali waqt attivitajiet reliġjużi li fihom ikun involut il-Kunsill Lokali Mqabba. Nicholas Briffa rrefera wkoll għall-*e-mail* li kien għadda s-segretarju eżekuttiv lill-kunsillieri internament fejn kien wera l-bżonn li jkun ingaġġat *accountant* flok skrivan, liema *e-mail* finalment kienet spiċċat pubblika għaliex din kienet imsemmija f'diversi laqgħat tal-kunsill: minuti 30 *item* 4.4, u l-kontenut ta' minuti 33, 34 u 35.

4. Intant Grace Marie Mallia b'reazzjoni għad-diskors tas-sindku li sar fil-laqgħa preċedenti qalet li s-**suġġeriment li kienet għamlet lis-segretarju eżekuttiv**, permezz ta' *e-mail* sabiex it-tfal li kienu ħadu sehem fil-*quiz* jingħataw ktejjeb bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħhom, kif ukoll sabiex dawn ikollhom siġġu riżervat fis-sala waqt is-serata ta' Jum l-Imqabba 2009, kien imissha kienet ifforwardjata lill-kunsillieri kollha mill-impjegati tal-kunsill. Dwar dan il-kumment, is-segretarju eżekuttiv ma ta l-ebda reazzjoni in vista tax-xogħol assidwu bl-organizzazzjoni ta' din is-serata, li din is-sena kienet kollha fuqu.

5. Is-sindku tkellem dwar il-posponiment tal-**mawra tal-ET il-President ta' Malta** fostna l-Imqabbin. Huwa qal li reġà kien avviċinat minn uffiċjali fi ħdan il-Palazz tal-President fejn dawn qalulu li l-ET il-President, xtaq jagħmel din iż-żjara f'Jannar, 2010. Infatti kienu proposti it-3 ta' Jannar 2010, li fiha sfortunatament is-sindku se jkun indispost, is-17 ta' Jannar 2010, li inċidentalment se jkun hawn attività politika fiha, u għaldaqstant kien deċiż li din il-mawra ssir fl-24 ta' Jannar, 2010. Is-sindku qal li l-intenzjoni tal-ET il-President hija, li jmur iżur in-*nursery* qabel jattendi għall-Quddiesa tal-10:00am. Il-kumplament tal-programm ma kienx diskuss għaliex għadu mhux stabbilit.

6. Saret diskussjoni dwar kif għandna **nirfinaw dak kollu marbut ma' Ġieh l-Imqabba**. Is-sindku qal dan, għaliex jinħass li hemm bżonn li dan jiġi diskuss f'laqgħa f'Jannar, 2010. Id-diskussjoni kompliet dwar il-ħaġra li qed ikunu minquxa fuqha l-isem tal-persuni li jingħataw dan il-ġieh, ir-regolamentazzjoni tal-istess proċess kif jingħażel il-persuna u l-emendi li saru matul is-snin li għaddew, billi ppermettejna li jingħata l-premju lill-aktar minn persuna waħda. Madankollu għad hemm konsensus li dan il-premju għandu jibqa' jingħata b'unanimità mill-kunsillieri waqt laqgħa tal-kunsill.

7. Dwar l-**injezzjoni ta' kontra l-mard tal-influwenza** lill-persuni li għandhom aktar minn ħamsa u ħamsin sena, is-sindku qal li din ingħatat. Is-segretarju eżekuttiv, li kien inkarigat mill-amministrazzjoni ta' din l-injezzjoni, qal li n-numru ta' dawk li ngħataw l-injezzjoni din is-sena żdied għal tliet mija u ħamsin. Is-segretarju eżekuttiv irringrazzja pubblikament lil dawk il-voluntieri infermieri kollha li taw sehemhom biex possibilment innaqsu l-impatt tal-influwenza staġjonali matul din ix-xitwa.

8. Kienet diskussa l-proposta tal-Kunsill Lokali Mqabba, biex jibda jħarreġ persuni fil-**lingwa bażika Maltija u dik Ingliża,** lil persuni li jkunu spiċċaw mill-iskola, wara li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni Adulta fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, irrifjuta li jagħti dan is-servizz lil numru żgħir ta' persuni. Dan għaliex huma qalu li s-servizz ma kienx se jkun wieħed sostenibbli minħabba r-rispons baxx li kelln. Is-sindku qal li s-segretarju eżekuttiv se jġib dan l-avviż fil-ġurnal *The Malta Independent,* biex għalliema interessati jagħtuna kwotazzjonijiet. Mal-għeluq tal-ġurnata li fihom se jintlaqgħu l-kwotazzjonijiet, dawn għandhom jiġu deċiżi mill-kunsill.

9. Kien hemm diskussjoni dwar il-***workshop*** li se jorganizza l-Kunsill Lokali Mqabba biex jikkumplimenta l-attività L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien, li għalih ġew mistiedna diversi VIPs. Is-sindku qal li dwar dan aktar tard din il-ġimgħa se jitlaqqa' l-kumitat taż-żgħażagħ.

10. Dwar il-ġbir tal-**iskart domestiku**, s-sindku qal li fil-futur se nitkellmu aktar ħalli naraw xi proposti se joħorġu mill-kuntratturi li qed jagħmlu użu minn **skart isseparat** bħalma hija l-kumpanija *Green Pak.*

11. Wara diversi sforzi minn naħa tagħna, **inqatgħu l-friegħi tal-palm taċ-ċimiterju** mill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd (ELC Ltd.).* Dan sara wara li kemm is-sindku kif ukoll is-segretarju eżekuttiv, kellmu lill-*Foreman* Charles Attard, u s-segretarju eżekuttiv kellem ukoll lid-Direttur Dr Cuschieri, peress li dan ix-xogħol ma jaqax fil-kuntratt li għandna magħhom tal-ġonna pubbliċi.

12. Kien hemm rapporti minn kunsillier li **vetturi** tqal ħierġin mill-barriera tat-*tarmac* fi Triq tas-Sejba, **qiegħdin iħammġu kullimkien bit-tajn**. Dwar dan, se ngħaddu l-ilment lill-awtoritajiet konċernati ħalli jieħdu passi huma.

13. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsillieri sabiex jagħtuna l-messaġġ tagħhom għall-ħarġa tal-**fuljett li jmiss**. Grace Marie Mallia fakkret fis-suġġeriment li kien sar minn residenta f'Jum l-Imqabba, fuq l-importanza li minn żmien għal żmien jidher l-innu tal-Imqabba, fuq l-istess fuljett, ħalli dan jindera aktar mir-residenti tagħna. Intant fuq suġġeriment ta' Paul Spiteri, issemmiet persuna li hija idejali sabiex issirilha intervista (li qed tiġi regolarment ppublikata fil-fuljett) li kellha esperjenza ta' *tournament* tal-*football* barra minn Malta.

14. Kienu diskussi l-attivitajiet tal-Milied. Is-sindku ssuġġerixxa li jsir *party* tat-tfal, attività għall-anzjani bħal *coffee morning*, ikla għal kulħadd bejn il-15 u t-20 ta' Diċembru 2009, viżita lill-priġunieri u oħra lill-anzjani rikoverati f'San Vinċenz de Paule u esebizzjoni tal-presepji fl-Isptar il-Qadim. Filwaqt li kien ikkunsidrat li l-*parties* tal-PL se jkun fl-20 ta' Diċembru 2009, dak tal-Iskola fit-22, u tal-PN fid-29, kien ikkunsidrat ukoll parir tas-segretarju eżekuttiv li din is-sena fl-iskejjel statali mhux se jsiru la *prize days* u lanqas saħansitra *assembly* filgħodu, bħala prekawzjoni għall-mard tal-*iswine flu*. Għalhekk kien se jidher li ma jagħmilx sens li mmorru aħna propju inlaqqgħu aktar minn 100 tifel u tifla (in-numru stabbilit mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Kura Primarja) fis-sala tal-iskola primarja, peress li hemm riskju (*liability*) kbir. Minkejja li kien hemm proposta oħra biex innaqqsu t-tfal billi ngħalqu l-etajiet; jiġifieri li l-*party* jkun għal dawk li għandhom bejn 5 u 10 snin, suġġeriment ieħor kien li neħduhom is-*circus*. Dan kien kontestat ukoll minħabba li l-għalliema se jibbojkottjaw dak li ġej Malta u mhux se jieħdu tfal jaraw annimali magħluqa fil-gaġeġ meta posthom huwa f'abitat ferm aktar addattat. L-ideja li jittieħdu jaraw *film*, ukoll kienet skartata minħabba r-raġunijiet tal-*iswine flu*. Għaldaqstant kien deċiż li mmorru għall-proposta ta' **tqassim fid-djar ta' riġali minn *Father Christmas***. Ġie deċiż li dan isir fis-27 ta' Diċembru 2009 għall-11:00am.

15. Il-Kunsill Lokali Mqabba se jorganizza l-**ikla għall-istaff** nhar l-10 ta' Jannar 2010, filwaqt li se jagħmel **żjara fil-klassijiet tat-tfal fl-Iskola Primarja** nhar it-22 ta' Diċembru 2009, dejjem jekk inhi l-ġurnata addattata għat-tfal u l-għalliema, u mhux diġà għandhom xi ħaġa oħra fil-kalendarju kurrikulari tagħhom.

16. Kien hemm qbil li mmorru għal sena oħra **nżuru l-anzjani fir-residenza ta' San Vincenz de Paule** kif ukoll li tintbgħat kartolina lill-għaqdiet tar-raħal biss ħalli niffrankaw fondi li jistgħu 'il quddiem jingħataw lill-istituti tal-karità u fl-istess ħin inkunu qed ngħinu lill-ambjent.

17. Is-sindku aġġorna lill-KLM bl-intervisti li saru għall-**ingaġġ ta' skrivan/a**. Huwa stqarr li issa saru l-intervisti kollha lil dawk li mis-sebgħa u sittin persuna li kienu infurmawna bihom mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, għaddewlna s-CV tagħhom. Huwa qal illi ħamsa minnhom infurmawna li se jattendu għall-intervista u bagħtulna s-*CVs* tagħhom u fil-verità tfaċċaw tlieta biss. Matteo Aquilina qalilna illi huwa kien qed jieħu kors fl-Università u għalhekk filgħodu ma setax jattendi l-ġranet kollha għaliex ikollu l-*lectures*. Mariella Busuttil qaltilna illi ilha ma taħdem sittax-il sena u kienet skrivana is-*Central Bank* u anke fil-librerija t'hemm ġew. Filwaqt li Mersia Mackay qatt ma għamlet xogħol ta' skrivana għaliex kienet fix-xogħol tal-*catering*. Dan l-aħħar però daħlet fuq l-iskema tal-*Job Experience Scheme* mal-*OHSA*. Is-sindku qal li fiċ-ċirkustanzi preżenti, jirrakkomanda lilha minħabba is-*self confidence* li għandha u għaliex hija determinata li tkompli tistudja kif fil-fatt qed tagħmel billi tmur il-kors tas-*SAGE Line 50* tal-istess *ETC*. Il-kunsill qabel miegħu unanimament u għaldaqstant is-segretarju eżekuttiv kien imqabbad jagħmel kuntatt magħha biex tkun ingaġġata fl-Uffiċċju Muniċipali.

18. Kienet approvata l-***payment approval sheet* numru 359.**

19. Il-kunsillieri kellhom aċċess għall-korrispondenza kollha li bgħatna u li rċevejna permezz tal-listi li ntbagħtulhom qabel din is-seduta. Din il-korrispondenza flimkien mal-ilmenti kollha li rreġistrajna, kienu fuq il-mejda tal-kamra.

20. Nicholas Briffa qal li hu jinnota b'sodisfazzjon iż-**żieda fl-allokazzjoni ta' 17%** fil-Baġit 2010 tal-Gvern. Huwa staqsa x'wieħed għandu jifhem bil-*Private Public Partnership* li ssemmiet f'dan il-baġit. Hu qal li jifhem li din hija xi ħaġa bħalma sar fi Triq tas-Sejba, jiġifieri li l-kuntratturi jissieħbu mal-Gvern Lokali/Ċentrali biex jiffinanzjaw proġetti kbar. Dwar il-baġit qed jissemma li dawn il-kuntratturi qed jinżammu responsabbli għal ftit snin biex jekk tisfronda it-triq li jkunu ksew mill-ġdid, jieħdu r-responsabbiltà tagħha u jsewwuha. Xi ħaġa li fil-passat il-kunsill tagħna ilu jħaddem għax hija wkoll il-prattika tagħna. Noel Galea qal li din l-iskema hija differenti għaliex il-kuntrattur jintalab joħroġ l-ispiża huwa u jitħallas tul iż-żmien miftiehem.

21. Noel Galea qal illi kellmu Lia Psaila dwar is-**sit** li għandu **fi Triq il-Qrendi, li qed jintuża bħala *vehicle yard*.** Huwa qal li s-Sur Psaila tah indikazzjoni li dawn il-vetturi huma ggaraxxjati f'din il-bitħa fejn għaddielna kopja tal-*log books* kollha u r-reġistrazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, il-KLM fuq suġġeriment tas-sindku se jikteb lill-*MEPA* biex tingħata l-konċessjoni li dawn il-vetturi jibqgħu fil-post li huma f'żona barra mill-iżvilupp. L-insistenza biex il-vetturi jitneħħew qed issir mill-*MEPA*.

22. Il-laqgħa intemmet fid-9.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*25 /11 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |